MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 692/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Etienne-Louis Grech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Etienne-Louis Grech ta' 29 sena, bin Felix u Antoinette nee' Farrugia, imwieled Attard fil-21 ta' Novembru 1974, residenti f' 'Chevron', Triq Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10775(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Lulju 2004 u fil-gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru

l-istes dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Mario u Miriam Vella minn Hal-Qormi, Mandy Cassar mill-Fgura, Dorothy Sciberras minn Birkirkara, Angel Frendo minn Hal-Tarxien, Audrey Demanuele mill-Imsida, Corinne Agius mill-Gzira, Cheryll Chetcuti mill-Mosta u diversi persuni ohra;

Fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'diversi skritturi privati u cioe' b'firem foloz jew b'tibdil f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, u b'hekk ikkaguna jew seta jikkaguna hsara lil Mark von Brockdorff jew iggib utli;

Fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill-imsemmija skritturi privati.

Il-Qorti kienet gentilment miltuba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 ta' April 2007 (esebita a fol. 168 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 18, 187(1) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikoli 18, 187(2) tal-Kodici Kriminali;
(e) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz taw il-bidu tieghu meta l-koppja Miriam u Mario Vella ghamlu rapport mal-Pulizija ta' Kontra l-Frodi. Miriam Vella kienet attendiet kors fuq *Public Speaking* organizzat mill-Agent Lokali tal-KMS. Dan il-kors kien qieghed jaghtih l-imputat Etienne Louis Grech. Wara li gie konkluz il-kors, Miriam Vella fethet qalbha mal-imputat dwar affarijiet personali minhabba li t-tifla taghha kienet ghamlet zmien gewwa l-ITU u ghalhekk kienet qatghet mill-edukazzjoni u waqghet lura fl-iskola u l-anqas irnexxilha totjeni l-'O' Levels u meta pruvat tidhol l-MCAST ghall-kors ta' hairdressing, ma gietx accettata u fejn gie spjegat lilha li sabiex forsi jghinu lit-tifla taghha, setghu jaghmlulha l-Yellow Card minhabba d-dizabilita' li kellha. L-imputat kien qalilha li huwa lecturer l-MCAST u kien sejjer jipprova jghinha. Huwa qal lil Vella li kien ser jaghmel xi testijiet medici u kien ghaddilha xi dokumenti bil-hlas ta' dawn it-testijiet medici. Huwa kien talab lil Vella somma flus u qallhom li kien peress li jafhom kien sejjer izomm biss is-somma ta' Lm625 Maltin liema somma mbaghad thallset lilu mill-konjugi Vella. L-imputat dejjem qal lill-konjugi Vella li dawn it-testijiet kien se jghamillhom certu Dr. Mark Von Brockdorff. Fil-fatt gew esebiti tlett dokumenti dok AG1 sa dok AG3 li kienu l-istess dokumenti li l-imputat kien ghadda lill-koppja Vella ghat-testijiet taghhom. L-istess Spettur Gafa[1] fix-xhieda tieghu

[1] Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2010, l-ispettur Gafa kkonferma li fil-fatt il-persuni li kienu halsu lill-imputat regghu thallsu lura flushom hlief ghal tnejn. Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2011, Mandy Spiteri thallset l-ammont dovut lilha. Gie esebiet ukoll dokument Dok Z1 li jikkonsisti ftehim bejn Etienne Louis Grech, Mark von Brockdorf u George Vella tac-

tad-9 ta’ Frar 2005 kien qal li l-imputat kien ammetta mieghu li l-firem li kien hemm fuq dawn id-dokumenti kien ghamilhom hu. Meta ghadda z-zmien u dawn it-testijiet kienu ghadhom ma sarux u kull meta kien ikellimhom l-imputat dejjem kien jipposponi l-gurnata tal-ezami irrizulta li l-koppja Vella, li dan Mark von Brockdorff mhux tabib u li l-istorja kienet kollha nvenzjoni.

Wara li bdiet l-investigazzjoni tal-Pulizija, irrizulta li l-imputat ma kienx lecturer gewwa l-MCAST u dan gie konfermat minn Dr. James Calleja li kien Administrative Director. Gie accertat ukoll li Mark von Brockdorff ma kienx tabib u dan gie konfermat minn Herbert Guillaumier li huwa l-persuna li jiehu hsieb ir-registrazzjoni tal-Medical Practitioners. L-investigazzjoni giet estiza wkoll wara li impjegata li kienet tahdem mal-koppja Vella, u cioe’ Mandy Cassar, nfurmat lill-Pulizija li hija kienet ukoll attendiet il-kors tal-public speaking maghmul mill-imputat fejn huwa kien qal lil kull min attenda li c-certifikati li kienu ser jinghataw wara t-terminazzjoni tal-kors kienu ser jinhargu minn Luther College izda dawn ic-certifikati baqghu ma waslu qatt. Mandy Cassar kienet tkellmet mal-imputat minhabba li hija qatt ma kellha l-opportunita’ li taghmel kors fuq interior design u huwa kien qalilha li kien affiljat mal-Rodec, li hija kumpanija internazzjonali li toffri korsijiet b’kollaborazzjoni mal-MCAST. Hija kienet halsitu s-somma ta’ Lm170 ghal dan il-kors izda wara rrizulta li l-imputat fil-fatt ma kellu x’jaqsam xejn ma’ din l-organizzazzjoni.

Dorothy Sciberras ukoll ghamlet rapport mal-Pulizija fejn qalet li kienet hallset lill-imputat tal-kors ta public speaking ghalkemm kienet bdiet wara l-ohrajn u huwa kien qalilha li kien sejjer jaghtiha lezzjoni ohra u tircievi certifikat mill-Luther College izda dan l-istess baqa’ qatt ma wasal. L-imputat kien ukoll qal lil Dorothy Sciberras sabiex taghmel kors tal-management u qalilha li kien ser jiftah tlett skejjel tal-hairdressing. Huwa qalilha wkoll li kien ser jofri pagi tajbin u li l-kors kien jiswa Lm95 u Dorothy Sciberras

---

Cirkolo Gozitano datat it-12 t’April 2004 u ftehim bejn l-istess partijiet flimkien ma’ Peter Portelli fuq il-kera tal-post ic-Cirkolo Gozitano.

hallset deposit ta’ Lm40. L-istess diskors intqal mill-imputat lil certu Angele Frendo li wkoll kienet attendiet il-kors tal-public speaking fejn din halset is-somma ta’ Lm95 ghall-kors tal-mangement. Frendo qalet li l-imputat kien qalilha li huwa ezaminatur tal-A Level tal-Arti u kien ghalliem gewwa l-MCAST. L-istess affarijiet inghadu lil Audrey Demanuele li wkoll hallset is-somma ta’ Lm95 ghall-kors tal-Management. Charles Agius li huwa agent lokali tal-KMS spjega li kien avvicinah l-imputat fejn kien qallu lli seta jorganizza course fejn seta’ jgib certifikati minn Luther College u l-istudenti li jmorru tajjeb jistghu jiehdu scholarship fil-hairdressing. Agius accetta din il-proposta li ghamillu l-imputat fejn ftehmu fuq il-prezz tal-kors. Agius xehed li l-imputat kien qallu li huwa lecturer l-MCAST u zied jghid in kontro-ezami li ltaqa’ darba ma’ Mark von Brockdorff izda dan qatt ma kellmu dwar Luther College u spjega li huwa dejjem sema’ dawn l-affarijiet minghand l-imputat. Huwa zied jghid li qatt ma kien ikun prezenti ghal dawn il-korsijiet li gew organizzati mill-imputat u lanqas kien ikollu kontroll min jattendi ghalihom.

Ghandu jinghad li anki certu Mandy Spiteri spiccat aggirata bhal l-ohrajn fejn kien wieghda li tista’ tmur taghmel korsijiet gewwa l-Ingilterra. Minhabba li huwa kien se jiftah skejjel gewwa Malta hija kellha bzonn tkun membru tal-UHM halli tkun tista’ tghallem. Fil-fatt kien talaba s-somma ta’ 25 Lira Maltin biex tidhol membru. Fil-fatt rrizulta meta xehed s-sur Gejtu Vella li Mandy Spiteri qatt ma kienet membru tal-UHM.

Fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2005, xehdet Cheryl Chetcuti li qalet li kien kellimha certu Charles Agius tal-KMS rigward kors li hija setghet tattendi fuq public speaking. Hija fil-fatt accettat li tmur ghalih u halset is-somma ta’ 55 Lira Maltin. L-imputat kellimha dwar kors iehor li hija setghet taghmel fuq management u dan il-kors ikun nista’ jghinha halli hija tmexxi dipartiment gewwa skola li kienet sejra tinbena gewwa Ghawdex. Fil-fatt kienet telghet Ghawdex u beda juriha bicca art li qal li kienet tieghu anki kien uriha post maghruf bhala c-Cirkolo Gozitano fejn qal li kien se juza dan il-post ghall-iskola. Meta marret ghal din il-kors kien wieghda li sejrin jinghataw certifikat izda ma kien hareg

ebda certifikat minn Luther College. Hija kienet thallset l-ammont lura mill-imputat wara li kienet kelmet lill-Pulizija.

Meta xehed Mark von Brockdorff fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2005 huwa gie muri diversi dokumenti fejn kien hemm il-firem bl-isem ta' Mark von Brockdorff, u huwa qal li dawk il-firem ma kienux tieghu. Huwa zied jghid li kien iltaqa' mal-imputat minhabba li kien tella esebizzjoni tal-arti gewwa c-cirkolo Gozitano fejn dan talbu sabiex igib ix-xoghol tieghu. Kien hemm diskors bejniethom fejn kien hemm il-hsieb li tinfetah skola tal-arti affiljata ma' Luther College. Huwa zied jghid li qatt ma kellu x'jaqsam mal-korsijiet li l-imputat kien organizza u qatt ma kien accetta xi flus minghand hadd ghaliex ghamilha ta' tabib. Meta gie muri d-dokumenti a fol 21 sa 23 u dawk fil-fol 27 u 28 huwa zied jghid li qatt ma kien rahom qabel u l-firem fuhom ma kienux tieghu.

Fis-seduta ta-22 ta' Gunju 2007 xehdet l-espert tal-kaligrafija mahtura mll-Qorti il-PL. Juliana Scerri Ferrante fejn qalet li fil-fatt il-firem li kien hemm ta' Mark von Brockdorff kienu foloz. Hija kompliet tghid li ma setghatx tasal ghall-konkluzzjoni jekk dawk il-firem gewx maghmula mill-imputat.

L-imputat Etienne Louis Grech ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fis-seduta tas-16 ta' Frar 2012 fejn qal li fiz-zmien huwa kien attenda l-Universita' fejn kien ghamel biss tlett snin fil-kors B.Ed izda ma komplihx. Huwa qal li kien ghaddej minn mument ta' depressjoni u ma kienx kompla l-kors u hassu fallut. Huwa qal li r-relazzjoni bejnu u bejn ommu kienet wahda tormentata ghaliex dejjem kien jiggieled maghha. Huwa zied jghid li fl-2003 kien tella esebizzjoni tal-arti minhabba li kien ihobb ipitter u waqt li kien qieghed gewwa il-Jubiliee Bar avvicinah il-Baruni Mark von Brockdorff minhabba li kien wera interess fl-arti. Huwa kien qallu li xtaq jaghtih scholarship fil-qasam tal-arti u huwa kien hadu d-dar tal-genituri tieghu fejn Mark von Brockdorff rega' qal li kien sejjer jaghtih scholarship minhabba li ra l-potenzjal fih. Wara li fetah qalbu mieghu minhabba l-problemi li kien ghaddej minnhom huma bdew jiltaqghu b'mod regolari Ghawdex u l-imputat jghid li huwa

kien ihallaslu l-akkomodazzjoni u l-vjagg kull meta Mark von Brockdorff kien jigi Ghawdex. L-imputat qal ukoll li Mark von Brockdorff kien urieh il-business card tieghu u huwa kien ha l-impressjoni li dan von Brockdorff kien tabib. L-imputat jghid li huwa kien idur b' Mark von Brockdorff sabiex izid l-opportunita' li jinghata scholarship. Huwa jghid li meta beda' jitkellem mieghu harget l-idea tal-Luther College u Mark von Brockdorff qallu li Luther College kienu kkumissjonawh sabiex jiftah skola Malta ghal klassijiet tal-arti. Fil-fatt bl-ghajnuna ta' Dr. Joseph Grech inbdew il-proceduri sabiex tinstab art fejn setghat tinbena l-iskola. L-imputat qal dak iz-zmien it-tfajla li kellu xtaqet tiehu kors tal-hair dressing il-Goldwell Academy li tinsab gewwa B'Kara u huwa kien ltaqa ma' Charles Agius fejn hallas is-somma kollha tal-kors u kien f'dan l-istadju li nibtet l-idea li jsiru korsijiet fuq public speaking u fil-fatt kien laqqa' lil Mark von Brockdorff ma' Charles Agius. L-imputat qal ukoll li giet individwata ghalqa vicin l-Ghasri u huwa kien ha lil Mark von Brockdorff ghad Dr. Joseph Grech sabiex jipprepara kuntratti izda l-investiment ghal din l-iskola ma kienx ingieb u ma sar xejn. L-imputat jghid li huwa xorta kompla ghaddej bil-korsijiet izda l-iskola ma nfethitx. Huwa zied jghid li kien jaghallem gewwa B'Kara ghand Charles Agius u kienu jigu l-istudenti fejn kienu jhallsu s-somma ta' 55 Lira Maltin ghal dan il-kors tal-Public Speaking. Huwa zied jghid li dan Mark kien jiehu nofs il-flus waqt li n-nofs l-iehor kien jehodhom Charles Agius u huwa ma kien jiehu xejn. Huwa zied jghid li minn dan kollu kellu jiehu scholarship fuq l-Arti. Huwa zied jghid li l-flus kienu jaghtuhom lilu u jqassam kollox hu. Huwa zied jghid li kellu business card fejn kien jaghmel wara ismu B. Ed (EMY) u kkonferma li fil-fatt huwa qatt ma kien gradwa. Wara li kien spicca dan il-kors l-istess Mark kien qallu biex jaghmlu kors fuq management fejn kien kellem lil dawn l-istess studenti fejn halsu ghalih. Wara li kienu se jispiccaw il-kors kellhom jiehdu certifikat minn Luther College li fil-fatt kien qallu dan Mark. Fil-fatt ma nharget l-ebda diploma minn Luther College. Wara dan kollu gie interrogat mill-Pulizija u zied jghid li bdew il-problemi. Huwa hallas is-somma ta' 3500 lura lil dawn l-istudenti inkluz dawk tal-koppja Vella li kienu fethu qalbhom mieghu minhabba l-problemi tat-tifla taghhom. Huwa zied

jghid li kien tkellem ma’ dan Mark von Brockdorff fejn qallu li seta’ jghinhom billi kellu xi karti halli jaghmlu xi testijiet. Huma kienu halsu s-somma ta’ 625 Liri Maltin u kien tahom lil Mark. Dawn it-testijiet qatt ma sarulhom izda kien hallas lura dan l-ammont. L-imputat sostna li lil Mandy Spiteri kien qallilha li ghandu xi materjal tar-Rodec International minhabba li huwa kien qieghed jattendi xi kors fuq interior design. Huwa qal li kien jghidilha li huwa ghalliem fl-MCAST u dan kien ghamel hekk minhabba li hassu fallut minhabba li kull membru tal-familja tieghu huma ghalliema. Huwa kien hadilha 100 Lira Maltin meta kien hallas ghalih 500 Liri Maltin. Dawn il-flus kien taghhom lil Mark von Brockdorf ukoll izda kien hallas kollox lil kull persuna li telghu jixdhu f’dawn il-proceduri. Huwa kien ghamel hekk ghax kien jemmen dak kollu li qallu Mark von Brockdorff. Huwa zied jghid li qatt ma kellu intenzjoni li jinganna lil xi hadd fuq din il-kwistjoni kollha. Huwa zied jghid li meta kien arrestat u meta hadulu l-istess stqarrija huwa ma kellux access ghall-avukat. Huwa esebixxa dokumenti li nizzel minn fuq l-internet fuq il-persuna ta’ Mark von Brockdorff. Huwa zied jghid li l-business cards li huwa ghamel kienu kollha foloz u ma ghamel ebda gwadann minn din l-istorja kollha.

L-Istqarrija tal-Imputat

Din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw rigward id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-investigazzjoni u tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat jista’ jkollu l-assistenza tad-difensur tiegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija. Minħabba dan kollu l-imputat jista’ jkollu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Kif ġie nnutat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera deċiża fil-11 ta’ April 2011. Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 39 jipprovdi li –

*“Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.”*

Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – “Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi”.

Is-sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b’reat kriminali għandu d-dritt “li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta’ assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b’xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk”.
L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma’ xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta’ fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europea li dak li hu stipulat fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provvedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interrogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista’ jiddefendi ruħu fil-kors ta’ proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B’mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (vide Imbrioscia vs Svizzera tal-24 ta’ Novembru 1993 u Panovits vs Cyprus tal-11 ta’ Diċembru 2008), kif ukoll minn sentenzi tal-qrati tagħna. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta’ April 2011) ġie ritenut li:

*"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-qorti m'għandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Illi ghandu jinghad fil-Kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru, 2012 (Appell Civili Numru. 75/2010/1), qalet fost affarijiet ohra li:

*"F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[2]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[3].*

Illi kif jidher mill-fedina penali tal-imputat, din hija wahda pjuttost nadifa[4] u ghalhekk, ma jistax jinghad li ghandu esperjenza kif tithaddem il-gustizzja kriminali u l-process li jaghtu bidu ghall-investigazzjonijiet bhal kaz fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Generali. Illi tenut kont tal-fatt li fil-kaz odjern dakinhar tat-tehid tal-istqarrija tal-imputat ma kienx hemm id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, din il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni l-kontenut tal-istqarrija maghmula mill-imputat.

Ikkunsidrat

1. L-artikoli 308 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali indika lli tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-

[2] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[3] Para. 78.
[4] L-imputat kien gie kkundannat R and A

Kodici Kriminali. Fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs George Manicolo deciza fil-31 ta’ Lulju 1998, il-Qorti tal-Appell qalet:

“Illi l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Mlata jghid testwalment li:

**308.** Kull min, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa sentejn.

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati ta’ Malta dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta’ truffa, mhux bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita’ lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista’ jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta’ intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif hemm indikati f’dak li jghid l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Irid ikun hem mil-messa in xena u ghalhekk kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta’ xi haga msemmija mil-frodatur, liema haga in realta, ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f’dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk ghandu jkun akkumpanjat b’artifizji kwazi teatrali u mhux sempliciment wieghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm important fir-reat ta’ frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, ma’ dan it-tip ta’ kliem jkun elowenti, studjat u perswassiv, ma’ dan it-tip ta’ kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentament tikkonferma u tipprova l-fatti assesnti,

cioe’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.

Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta’ dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenza qligh ghall-agent frodatur.

Kif gie stabbilit u riaffermat fil-Qrati taghna, ikun hati ta’ truffa min jaghmel uzu minn kwalita’ falza sabiex jaghmel qligh ghad-dannu ta’ haddiehor.”

Illi fil-kaz odjern il-fatti juru li l-imputat kien tkellem ma’ certu Charles Agius li huwa agent lokali tal-KMS biex jibda jofri korsijiet ta’ public speaking fl-akkademja Goldwell. Il-ftehim kien li Charles Agius igib l-istudenti u jhallsu s-somma ta’ 55 Lira Maltin. Charles Agius qal li nofs l-ammont li jhallsu l-istudenti kien jehodhom hu ghall-ispejjez tal-uzu u l-kera tal-post waqt li n-nofs l-iehor kellu jehodhom l-imputat. Ghandu jinghad li meta l-imputat xehed f’dawn il-proceduri huwa qal li ma kien ha xejn ghaliex in-nofs l-iehor marru ghand Mark von Brockdorff. L-imputat sostna li l-idea tal-kors dejjem giet minghand Mark von Brockdorff minhabba li kienet se tinfetah skola tant li kien hemm ftehim ta’ xiri ta’ bicca art gewwa Ghawdex.  Waqt li min-naha ta’ Mark von Brockdorff dan qal li huwa ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dawn il-korsijiet ta’ public speaking jew ta’ management. L-istess studenti li ppartecipaw f’dan il-kors ta’ public speaking qalu meta xehdu f’dawn il-proceduri li fil-fatt kien l-istess imputat li hajjarhom ghal kors iehor fuq management u qatt ma tkellmu ma’ persuni ohra. Il-flus ta’ kull kors dejjem ghaddewhom lill-imputat. Ghandu jinghad li dan il-kors kellu suppost ikun rikonoxxut minn Luther College u l-imputat kien offrielhom impjieg u pagi tajbin ghal meta l-iskola tinfetah. Illi minn dan kollu jidher, li l-imputat seta’ gie ingannat mill-istess Mark von Brockdorf meta’ beda jitkellem mieghu fuq il-possibilita’ li tinfetah skola u li se jingiebu studenti minn barra izda f’dan il-mument huwa kien ben konxju li sa dak iz-zmien ma kien hemm xejn

minn dan kollu li beda jwieghed. Inoltre kien l-imputat li ta x’jifhem li l-korsijiet ser jigu rikonoxxuti minn Luther College u mhux Mark von Brockdorff. Inoltre Mandy Spiteri halset flus lill-imputat sabiex tissieheb mal-UHM halli tkun tista’ tghallem gewwa l-iskola. Waqt li l-koppja Vella spiccaw vittmi ta’ dawn ic-cirkustanzi meta Miriam Vella attendiet dan il-kors tal-public speaking u fethet qalbha mal-imputat dwar il-problema li kellha minhabba t-tifla taghha li ma setghetx tattendi kors gewwa l-MCAST u kien hawnhekk li l-imputat ghazel li jaghti l-impressjoni li huwa ghalliem gewwa l-MCAST u kien lest li jaghmel testijiet minhabba l-problema li kellha t-tifla tal-koppja Vella. Huwa ta l-impressjoni li huwa gradwat u wara hareg anki mix-xhieda tieghu stess li qal li huwa hassu fallut ghaliex ma sarx ghalliem. Illi huwa ta x’jifhem li hass ghal din it-tifla tal-kopja Vella u ofra li jsiru dawn it-testijiet minhabba li Mark von Brockdorff qallu li huwa tabib. Mill-provi rrizulta li Mark von Brockdorff ma kienx tabib, li l-imputat ma kienx ghalliem u l-anqas kien lecturer l-MCAST. Jidher bic-car li l-imputat pjana dawn ic-cirkostanzi kollha wahdu tant li qassam dokumenti lil koppja Vella halli jaghzlu dak it-test. Kien hawn li huwa qallhom li kien lest anki li jhallsu nofs l-ammont tal-prezz tat-test, liema somma giet mghoddija lilu u skond hu ghaddieha lil Mark von Brockdorff. Minn dawn il-fatti l-unika prova li tezisti huwa d-dokumenti ta’ dan it-test fejn anki l-istess imputat iffirma fuq wara sabiex jaghti x’jifhem li huwa gradwat. Minn kliemu stess jirrizulta li l-imputat ghamel dik il messa in xena sabiex l-koppja Vella temmen li huwa jista’ jghinhom. Kienu dawn ic-cirkustanzi u cioe’ dawn ir-raggiri u l-artifizji li titlob il-ligi u li jaghtu kredibilita ghal xi haga li altrimenti hi semplici gidba. Illi kieku kien il-kaz li huwa gideb biss fejn qal li huwa ghalliem gewwa l-MCAST, allura dan il-kaz kien jieqaf hawn izda l-imputat mar oltre minn hekk fejn huwa stess ried jaghti l-impressjoni li huwa ghandu s-soluzzjoni ghall-problemi tat-tifla tal-koppja Vella. Kien hawn li huwa sfrutta d-djufija taghhom ghall-skop tieghu sabiex jiehu minghandhom is-somma ta’ flus ghal test li ma kienx jezisti. Kien l-istess Dr. Joseph Grech stess fejn qal li Mark von Brockdorff qatt ma kien klijent tieghu u ghalhekk jezisti dubju serju ta’ korrispondenza li giet iffirmata minn Mark von Brockdorff

liema firma giet konfermata li ma kinitx awtentika, mibghuta lil koppja Vella li kien ser jhallas lura s-somma tat-test li suppost kellu jaghmlu dan Mark von Brockdorff.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat uza dawk ir-raggiri u artifizji rikjesi mill-ligi sabiex b'hekk ghamel gwadann. Illi inoltre dan l-element irid ikun hemm l-element volontarju jew il-mens rea cioe' b'mod volut u predeterminat sabiex igieghel lil haddiehor jemmen l-ezistenza ta' kreditu immaginarju. Il-gwadann f'dawn ic-cirkostanzi sar ghaliex kemm mix-xhieda kollha li resqet il-Prosekuzzjoni hareg bic-car li l-flus thallsu lill-imputat. Ghaldaqstant din l-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni taht l-Artikolu 308 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. L-artikolu 187(1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi f'dawn il-proceduri giet mahtura l-espert tal-kaligrafija l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante sabiex tanalizza il-firem ta' Mark von Brockdorff li jinsabu fid-dokumenti AG1, AG 2, AG3, AG6 u AG7. Ir-rapport tal-imsemmijia espert tal-kaligrafija jinsab inserit a fol. 156 tal-atti processwali u f'dan ir-rapport hija kkokludiet is-segwenti:-

*L-esperta hija certa illi huma foloz u li min kitibhom (firem) lanqas uza l-istess direzzjoni ta kitba li juru kemm il-firma ma kenitx genwina. Nonostante dana meta giet studjata il-kitba tal-imputat fil-konfront ta dawn it-tlett firem, ma rizzultax bizzejjed provi forensici sabiex l-esperta tista' tikkonkludi fic-cert illi kien l-imputat li ghamel dawn il-firem. Hija ma teskludiex il-possibilita peress instabu karatteristici simili izda ma kienux bizzejjed li hija setghet tghid li l-probabilita' kienet illi huwa iffirmahom. Hija nonostante possibilita' qawwija.*

*Ghalhekk tikkonkludi illi l-firem f'dok AG1, 2, 3 u 7 mhumiex il-firem ta' Mark von Brockdorf u hemm biss possibilita' illi setgha kien l-imputat li iffirmahom izda mhux probabilita'. Il-firma indikata f'dok AG6 certament ma hiex ta' Brockdorf izda m'hemmx bizzejjed provi forensic biex tghid illi l-imputat ikkopja din il-firma u hemm biss possibilita' zghira li ghamel hekk. Hemm aktar possibilita'*

*illi Etienne Grech setgha iffalsifika il-firma ta' von Brockdorf fid-dokumenti 1, 2, 3 u 7 milli fid-dok AG6.*

*Ghal dawn il-motivi il-perit grafiku ma tistax tghid b'certezza, mija fil-mija, li din il-firma giet maghmula mill-imputat izda tikkonferma li m'humiex ta' Mark von Brockdorf. Ghandu jinghad li fil-konkluzzjoni taghha qalet li hija tista' taghti l-opinjoni taghha fuq "balance of probabilities or possibilities" u tkun inkorretta jekk tiehu decizjoni estrema cioe' pozittiva jew negattiva peres illi ma hemm l-ebda studju li jista jissupera il-volonta' tal-bniedem li meta qed jikteb kelma jista intenzjonalment ivarja kull ma jrid.*

Illi minn dak li ntqal mill-espert tal-kaligrafija jidher li hemm biss possibilita' li l-firem in dizamina kienu tal-imputat. Illi dan id-dubju jmur favur l-imputat u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax issib lill-imputat hati li ghamel falsifikazzjoni ta' firem fuq id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni. Inoltre din il-Qorti jidrilha li ma ngabet ebda prova li tindika li l-imputat ghamel uzu minn xi dokumenti meqjusa bhala skritturi privati stante li d-dokumenti li gew esebiti ma jistghux jigu kkunsidrati bhala tali.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li huwa hallas lura l-ammonti nvoluti lill-vittmi u l-fatt li huwa gie sa certu punt ukoll ingannat minn Mark von Brockdorff u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti ta-Artikolu 22 tal-Kap.446.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-9 ta' April 2007 u senjatament l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu (€422.32) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------